.150

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviv Numru CCT 35/13/GB

**Mario u Maria Calleja**

**vs**

**Massimo Orsini – Universal Micro Security**

Illum 31 ta' Lulju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-4 ta' Frar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' mitejn u hamsin Ewro (€250.00), rapprezentanti l-prezz li huma hallsu ghal 'video door phone' li nxtara minghand is-socjeta' ntimata, liema 'video door phone' kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottometew bil-miktub illi:-**

Il-'video door phone' li kien gie nstallat fil-25 ta' Gunju 2012 mis-socjeta' ntimata, kien difettuz u/jew ix-xoghol ghall-installazzjoni ma sarx kif suppost.

Illi minhabba is-suespost, ir-rikorrenti ma kellhom l-ebda triq ohra hlief illi wara tliet (3) xhur shah minghajr servizz kellhom jingaggaw kumpanija terza sabiex taghmel ix-xoghol li kellha taghmel is-socjeta' ntimata, liema xoghol lahhaq is-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250.00).

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet.

Ir-rikorrenti ezebew ittra ffirmata u datata 9 ta' Jannar 2013, mibghuta lis-socjeta' ntimata.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub, fejn ziedu jghidu illi kien twahhal 'video door phone' mis-socjeta' ntimata fil-blokka taghhom. Wara ftit, din is-sistema kienet waqfet tahdem u s-socjeta' ntimata baqghet issostni li dan kien gara minhabba sajjetta. Huma kienu hallsu mitejn u hamsin Ewro (€250.00) ghal sistema gdida, pero' wara biss erbgha xhur is-'sound' minn din is-sistema kien telaq ghal kollox.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, hija stqarret illi kienet wahlet sistema fil-blokka kollha ta' fejn joqghodu r-rikorrenti u l-hsara kienet ghand ir-rikorrenti biss. Il-unit kien intbaghat barra minn Malta fejn is-socjeta' ntimata kienet giet informata li l-hsara sehhet minhabba sajjetta, li ma tkoprix il-garanzija. L-apparat qieghed ghandha.

Is-socjeta' ntimata ezebiet il-korrispondenza bejnha u bejn il-fabbrika barranija, li giet immarkata bhala Dok.MO1.

In kontro-ezami, is-socjeta' ntimata stqarret illi fil-fabbrika barranija li semmiet, ghandhom it-teknici taghhom. Hija baghtet il-kaxxi barra u minn dawn, il-fabbrika tkun tista' tistabbilixxi liema hu genwin u liema le. L-ewwel fault gie mibdul. It-tieni fault kien fil-25 ta' Gunju 2012. Iz-zmien jghaddi minhabba t-tul ta' hin involut biex tibghat fil-Korea u tircievi mill-Korea. Il-hsara saret matul iz-zmien tal-maltemp. Il-fatt illi kienu r-rikorrenti biss illi kellhom il-hsara mill-blokka kollha tista' tkun minhabba li kull dar ghandha l-frekwenza ta' l-elettriku taghha.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u wara li ha konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti u mmarkati bhala Dok.MO1, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**